MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2007

Numru 754/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**V**

**ANTON VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTON VASSALLO** ta' sitta w ghoxrin sena bin Carmelo u Rosemarie nee Pullicino, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru, 1978 u joqghod 'St. Joseph House', Triq Felice, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 495978M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn t-tnejn w t-tlieta ta' Frar 2001 mill-hanut bl-isem 'Four T's Bar & Restaurant', sitwat f'Wesgha Bir d-Deheb, Hal Ghaxaq, kkommetta serq ta' flus kontanti w oggetti ohra ghad-dannu ta' Paul Grech

minn Hal Tarxien, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bil-mezz,

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tammontax ghal izjed minn ghaxar liri maltin izda inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Paul Grech minn Hal Tarxien.

4. Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat il-process verbal esibit a fol 25 et seq tal-atti redatt mill-Magistrat Dottor Antoinio Micallef Trigona nhar s-sebgha ta' Mejju 2002.

Rat s-sentenza datat sita w ghoxrin ta' Marzu 2004 moghtija mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani fil-konfront tal-imputat odjern nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu 2004 mmarkata bhala dokument CM 3 [fol 18], sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima fil-konfront tal-imputat odjern nhar l-erbatax ta' Lulju 2003 mmarkata bhala dokument CM 4 [fol 21].

Semghet lid-difiza tiddikjara fis-seduta ta' nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 [fol 115] li kienet qed tezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li d-dokumenti CM 3 u CM 4 jigu konfermati fil-konfront tal-imputat, stante li kien qed jaccetta l-fatt li dawn inghataw fil-konfront tal-imputat odjern.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2005 (fol 114) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbatax ta' Dicembru 2005 [fol 115] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan wara li nghata zmien xieraq biex jwiegeb.

Semghet lil partiiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnax ta' Ottubru 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta' Ottubru 2005 **xehed l-Ispettur Carmelo Magri** [fol 96] fejn qal li nhar t-tlieta ta' Frar 2001, hu kien *duty officer* u bhala tali gie nfurmat li kienet saret serqa mill-hanut bl-isem 'Four T's Bar and Restaurant' f'Bir d-Deheb, Hal Ghaxaq. Qal li hu mill-ewwel beda l-investigazzjoni tieghu f'dan il-kaz pero dak z-zmien ma rrizultalu xejn. Qal li wara li ghadda xi zmien, kien gie avvicinat b'mod kunfidenzjali fejn gie nfurmat li min kien wettaq dik s-serqa kien certu Anton Vassallo w ghalhekk baghat ghalih u wara li tah s-solita twissija, qallu li kien qed jigi nvestigat in konnessjoni ma din s-serqa. Zied jghid li biex Anton Vassallo ikun fic-cert dwar liema post huwa kien qed jirreferi, peress li kien ghadda ftit taz-zmien, kien qabbad lil PS 836 Alexander Taliana biex jiehdu fuq il-post.

Qal li l-imputat odjern kien wara qallu li kien jaf ghal liema hanut kien qed jirreferi pero xorta wahda hu nsista li jakkumpanjah fuq il-post imsemmi, biex wara ma jkunx hemm problemi. Kompla jghid li meta s-Surgent Taliana mar lura ghandu, kien qallu li l-imputat kien qal, li hu ma kienx dahal f'dak il-hanut u ghalhekk hu rega' ta s-solita twissija lil imputat u stqarr mieghu li din d-darba kien ser isir kollox bil-miktub w ghamillu diversi domandi u hadlu stqarrija pero l-imputat minn naha tieghu ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda li ghamillu. Ghalhekk, zied jghid x-xhud hu kien kellem lil Magistrat Inkwerenti Dottor Tonio Micallef Trigona li kellu suspett fl-imputat u sabiex jahtar zewg esperti wiehed biex jiehu l-impronti digitali tal-imputat u l-iehor biex jaghmel l-komparazzjoni necessarja.

Qal li dan fil-fatt sar u gie mahtur PS 659 Jeffrey Hughes biex jiehu l-impronti digitali, liema xoghol sar quddiem l-istess Magistrat u l-Ex PS 673 Joseph Mallia biex jaghmel l-komparazzjonijiet ma dawk il-lifters li nstabu fuq x-xena tad-delitt. Zied jghid li wara xi zmien kien gie nfurmat li r-rizultati kienu posittivi w galhekk ressaq lil imputat l-Qorti.

Illi nhar s-sbatax ta’ Ottubru 2005 **xehed l-Ispettur Stephen Micallef** [fol 98] fejn ikkonferma r-rapport li hu kien ghamel meta kien tal-ghassa stazzjonat z-Zejtun, liema rapport jinsab a fol 7 tal-atti tal-inkjesta esibita. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuq dan r-rapport w ikkonferma l-kontenut tieghu.

Illi nhar s-sbatax ta’ Ottubru 2005 **xehed PC 1525 Patrick Farrugia** [fol 99] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti tal-inkjesta mmarkata bhala dokument SOCO. Ikkonferma wkoll li s-sbatax il-ritratt bil-kulur hemm esibiti kienu gew mehuda minnu.

Illi nhar s-sbatax ta’ Ottubru 2005 **xehed PS 836 Alexander Taliana** [fol 101] fejn qal li nhar l-hdax t’Awissu 2005, hu kien akkumpanja lil imputat odjern fl-ufficju tal-Ispettur Carmelo Magri u wara li nghata s-solita twissija sarulu xi domandi dwar serqa li kienet saret mill-fond Four T’s Bar & Restaurant, Bir d-Deheb, Zejtun u l-imputat kien qal li kien jaf fejn kien dan il-post. Nonostante dan, kompla jghid x-xhud, hu kien akkumpanja lil imputat fuq il-post w irritorna lura l-ufficju tal-Ispettur Carmelo Magri fejn kien presenti ghal istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat. Ix-xhud ikkonferma li l-istqarrija dokument CM giet rilaxxata mill-imputat nhar t-tmintax ta’ Awissu 2005 wara li dan inghata s-solita twissija, pero l-imputat kien ghazel li ma jiffirmahiex. Ix-xhud ikkonferma kemm il-firma tieghu kif wkoll dik tal-Ispettur Carmelo Magri fuq din l-istqarrija, li tikkonsisti f’zewg faccati.

Illi nhar s-sbatax ta’ Ottubru 2005 **xehed PS 359 Carmelo Abdilla** [fol 103] fejn ikkonferma li nhar s-sitta ta’ Frar 2001, ghal habta tal-hamsa neqsin ghaxra ta’ filghodu kien mar certu Paul Grech jaghmel rapport li kif fetah il-

hanut tieghu Four T's Bar & Restaurant, kien sab li xi hadd mhux maghruf kien dahallu fih. Qal li minn naha ta' wara ma kienx hemm ebda sinjal ta'sgass u aktar tard rrizulta li min wettaq dan r-reat x'aktarx kien dahhal bicca rod, fetah s-side window, gibed ic-cwievet li kien hemm fuq il-bank, wara fetah il-bieb ta' wara tal-bitha u dahal fil-hanut minn fejn seraq diversi oggetti. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza tieghu li giet mmarkata bhala dokument CA.

Illi nhar s-sbatax ta' Ottubru 2005 **xehed Paul Grech** [fol 109] fejn qal li hu sid il-fond Four T's Pastizzerija sitwata fi Triq il-Wesgha, Bir d-Deheb. Ikkonferma li fil-bidu ta' Frar 2001, kien safa vittma ta'serq minn fejn hadulu diversi oggetti u kien ghamel r-rapport relattiv. Zied jghid li l-fond kien kopert b'polza t'assikurazzjoni ma Citadel Insurance.

Meta giet moqrija lilu x-xhieda li hu ta fl-atti tal-inkjesta nhar s-sitta ta' Frar 2001, hu kkonfermha fl-intier taghha. Qal li hu kien wara ghamel t-tiswijiet necessarji ghal prezz ta' hamsin lira maltin. Mistoqsi kellux ricevuti ta' dawn t-tiswijiet ix-xhud ipprometta li jipprova jsibhom.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 **xehed PS 659 Jeffrey Hughes** [fol 116] fejn qal li hu kien gie nominat sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat odjern u fil-fatt kien ghamel dan nhar t-tmintax ta' Lulju 2005 fil-presenza tal-Qorti. Ix-xhud ikkonferma li l-impronti digitali tal-imputat odjern, esibiti a fol 80 et seq tal-atti markati bhala dokument VA1 u VA 2 gew mehuda minnu.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 **xehed Joseph Mallia** [fol 118] fejn ikkonferma li b'digriet tal-Qorti datat tmintax ta' Lulju 2005 hu kien gie nominat sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali mehuda tal-imputat odjern u dawk misjuba fuq x-xena tad-delitt. Ix-xhud ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita a fol 82 et seq tal-atti.

Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizultaw is-segwenti:

1. Illi l-impronta li tidher fuq <u>l-*lifter* dokument 01 AGH 301</u>, u cioe li gie elevat minn fuq il-

*canopy* li kien hemm fuq il-bejt, mhux tajba ai fini ta' komparazzjoni;

2. Illi l-*imprint* li tidher fuq il-*lifter* dokument 01 AGH 302, u cioe li gie elevat minn fuq il-grossa sigaretti li kienet fuq il-bank giet komparata w identifikata definittivament mal-marka tas-saba l-kbir tal-id l-leminija tal-imputat.
Illi nhar s-sitta ta' Frar 2006 **xehed PC 1261 Charles Pace** [fol 125] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti a fol 69 et seq markata bhala dokument SOCO.

Illi nhar l-erbgha ta' Lulju 2007 **xehdet Marietta Lanzon** [fol 148] fejn qalet li hi ilha ssegwi lill-imputat ghal diversi snin. Kien hemm perjodu meta l-imputat kien ighaddi hajja mimlija droga u li kien hemm xi zmien meta huwa taha *hard time* pero' meta din l-istess Qorti zammet lill-imputat arrestat, l-imputat biddel ir-rotta kompletament. Qalet li ghamel il-programm residenzjali f'Santa Maria bis-serjeta' hafna, wera rimors ta' l-affarijiet hziena li ghamel meta kien taht l-effett tad-droga. Qalet li fil-fehma taghha l-imputat huwa *a success story*. Ziedet tghid li kemm meta kien il-programm u anke meta hareg mill-programm, kif wkoll meta kien il-habs u anke meta eventwalment meta rega' qieghed il-programm, minkejja li kellu diversi tentazzjonijiet, l-imputat zamm fehmtu w illum ghandu relazzjoni tajba ma' mara. Qalet li rega' sar missier u qed isegwi t-trobbija tat-tarbija, avolja kien qed jiskonta piena ta' habs pero' qed jaghmel il-programm ghaliex l-agenzija Sedqa accettatu. Qalet li dan ifisser li l-imputat dejjem kien ta' nies.

Spjegat li t-trobbija ta' l-imputat kienet wahda *shaky* fil-passat u din kienet taghmel effett fit-trobbija tat-tfal. Ikkonfermat wkoll li l-imputat kellu wkoll hafna ghajnuna psikologika. Ikkonkludiet li minghajr tlaqliq l-imputat jista' jigi fdat fis-socjeta'.

Ix-xhud qalet li ghalkemm ma gietx imqabbda biex taghmel *pre-sentencing report*, ikun ghaqli li fil-kaz li tinsab htija l-imputat jinghata supervizjoni u li hu lest li jikkompensa l-vittmi. Qalet li l-imputat ghandu sengha ta'

furnar u huwa persuna produttiva fis-socjeta'. Qalet li hu lest wkoll li jikkompensa mhux biss il-vittma izda anke lis-socjeta'. Ghalhekk, ziedet tghid x-xhud, fil-fehma taghha, l-Qorti ghandha tikkunsidra dan.

Illi nhar l-erbgha ta' Lulju 2007 **xehed Raymond Grech** [fol 150] fejn qal li l-kuntatt mal-imputat beda qabel Ottubru 2003 u cioe meta huwa nghata bail sabiex imur f'komunita'. Qal li l-imputat kien ghamel il-programm residenzjali kollu kif ukoll *semi-residential* u sussegwentement gie integrat. Qal li l-kazi pendenti llum inqatghu u dahal il-habs u gie moghti permess li jkompli l-programm u ricentement l-imputat rega' mar maghhom.

Mistoqsi mill-Qorti jekk ghandux kawzi pendenti apparti l-kaz odjern, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li l-imputat meta kien mar lura fis-socjeta', kien qed jaghmel progress kbir u li mis-sena 2003 'l hawn l-imputat ma regax zbalja. Qal li l-imputat kien baqaghlu sena u nofs sabiex jiskonta s-sentenza odjerna u wara l-*aftercare*. Spjega li fil-passat tieghu huwa kien kapaci jsegwi l-*aftercare* li kien qed jinghata qabel.

Illi nhar l-erbgha ta' Lulju 2007 **xehed George Muscat** [fol 152] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' general manager tas-socjeta' Masters Limited. Qal li l-imputat ghamel zmien ta' xahar jahdem maghhom bhala *driver* u *general duty* dan ghal perjodu ta' Jannar tas-sena 2007. L-imputat kien haddiem tajjeb maghhom u li kien waqaf mill-impjieg maghhom, peress li huwa kellu kawza li giet deciza mill-Qorti. Spjega li una volta li l-kawzi tieghu li ghandu pendenti jigu decizi, huma lesti jaccettawh lura bhala haddiem taghhom, stante li l-prosekuzzjoni ma kelliex oggezzjoni ghal dan.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2007 xehed **l-imputat** minn jeddu b'mod voluntarju [fol 156] fejn qal li fil-hanut 4T's Bar u Restaurant sitwat Bir id-Deheb dahal f'zewg partijiet tieghu u gieli dahal anke fiz-zmien indikat fic-citazzjoni sabiex jixtri. Qal li kemm-il darba dahal ma kienx jaf pero kien imur jixtri ghax kien jixtri l-ikel mit-*take away* tieghu.

Cahad dak li gie allegat fil-konfront tieghu li hu seraq minn dan il-hanut. Zied jghid wkoll li anke l-pulizija kienet akkumpanjatu fuq il-post.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat b'akkuza ta' serq, ricettazzjoni, hsara voluntarja u recidiva.

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha biss fuq s-sejba tal-impronti digitali tal-imputat fil-fond li gie derubat w ghalhekk, a bazi ta' din il-prova xjentifika li l-prosekuzzjoni qed tinsisti fuq l-htija tal-imputat.

Essendo post pubbliku li gie misruq, il-Qorti, kellha taghmel stharrig profond sabiex tara jekk il-post fejn instabu l-impronti digitali, kienx wiehed accessibbli ghal pubbliku jew le, sabiex tara jekk jistax ikun hemm gustifikazzjoni ghal tali sejba, w in oltre, xi spjegazzjoni li ta l-imputat sabiex ikollu l-impronti digitali tieghu fuq il-post.

Illi skond r-relazzjoni ta' PC 1261 Charles Pace, jirrizulta li huwa ghamel ezamijiet ghal xi evidenza t'impronti digitali permezz ta' *powders* u pniezel rispettivi f'dawk il-postijiet kollha li kienu relavanti. Irrizulta li f'din it-tfittxija nstabu diversi marki, liema marki gew elevati w individwalment iddokumentati skond l-kodici tal-laboratorju forensiku u deskritti kif gej. Gie elevat *lifter* minn fuq il-*canopy* li hemm fuq il-bejt tal-fond derubat markata bhala dokument 01 AGH 301 u *lifter* iehor elevat minn fuq grossa sigaretti li kienet fuq il-bank, immarkata bhala dokument 01 AGH 302A.

Illi minn ezami tar-relazzjoni ppresentata mill-espert PC 659 Jeffrey Hughes quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dottor Tonio Micallef Trigona nhar l-hamsa t'Awissu 2005, jirrizulta li dan l-espert ha l-impronti digitali tal-imputat li gew immarkati bhala dokument VA 1 u VA 2 [fol 80 u 81 tal-process verbal] u l-espert Joseph Mallia ghamel ezami komparattiv bejn dawn l-impronti digitali w il-*lifters* misjuba

fuq x-xena tad-delitt u cioe mad-dokument 01 AGH 301 u 01 AGH 302.

Illi dan l-espert Joseph Mallia kkonkluda li meta d-dokument 01 AGH 302 gie mqabbel mas-saba l-kbir tal-id l-leminija tal-imputat Anton Vassallo, gie ddentifikat definittivament mal-marka tas-saba l-kbir tal-id l-leminija tal-imputat.

Illi l-imputat xehed f’dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt li jaghmel, ghalkemm a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe fit-tmintax ta’ Awissu 2005 huwa rrilaxxja stqarrija, liema stqarrija tinsab esibita w immarkata bhala dokument CM 2 a fol 6 tal-atti processwali.

Mistoqsi waqt r-rilaxx tal-istqarrija tieghu jghid jekk qattx dahal fil-hanut mertu ta’ din il-kawza, liema hanut kien gie muri lilu qabel, l-imputat ghazel li ma jwegibx.

Mistoqsi waqt r-rilaxx tal-istqarrija tieghu jghid kellux xi konnesjoni ma sid il-post, l-imputat wkoll ghazel li ma jwegibx.

Mistoqsi jekk seraqx minn dan il-hanut, l-imputat ghazel li ma jwegibx wkoll.

Illi l-imputat kellu kull dritt li ma jwegeb ghal ebda domanda imposta lilu mill-ufficjal investigativ stante li r-*rule of inference* proposta fl-emendi tal-Kodici Penali ghadha ma dahlitx fis-sistema legali taghna.

Illi fid-dawl tal-istqarrija tieghu, l-imputat wara li gie rinfaccat bil-prova tal-prosekuzzjoni li fil-fond kien hemm impronti digitali tieghu, ghazel li jixhed viva voce l-Qorti u jispjega li effettivament kien jidhol ta’ sikwit fil-hanut in dezamina.

Illi l-imputat qal li kien dahal fil-hanut diversi drabi sabiex jixtri *take away* u l-prosekuzzjoni ma kkontestatx dan il-fatt u lanqas ma ressqet xi prova kuntrarja.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-impronti digitali ttiehdu b’mod regolari u skond l-ligi w huma ammissibbli bhala prova.

Stabbilit dan il-punt, u cioe l-ammissibilita tal-konkluzzjonijiet tal-esperti tal-impronti digitali, wiehed irid jara jekk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jwasslux ghal htija tal-akkuzat dwar r-reati.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal gabra ta’ sentenzi citati minnha fis-***sentenza moghtija minnha nhar t-tlieta ta’ Settembru 2007*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija v Malcolm Mifsud**.

Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta' **Lord Denning** tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika.

"*That degree is well settled. I need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*" (**Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374.**)

Is-success fl-impront digitali ghar-risultat forensiku jiddependu fuq tlett kolonni, l-ewwel wahda minnhom hija li l-ezami komparattiv isir bi precisjoni, liema dover jaqa fuq l-espert nominat mill-Qorti. It-tieni kolonna hija li t-tehid tal-impronti digitali sar b'mod legali u trasparenti u t-tielet kolonna hija li l-impronti digitali huma evidenza cirkostanzjali, liema tip ta' evidenza tindika izda ma timplikax htija wahedha.

Naturalment t-tehid tal-impront digitali irid jittiehed b'mod trasparenti ghalhekk fin-nuqqas anke l-Ufficjal tal-Pulizija jkollu jirrispondi u minflok indizju tal-prova isib evidenza

dubbjuza, kif gara fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Martin Gaffarena** ***deciza fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1996.*** Bhala principju generali "*fingerprints are meant to assist the quest of the truth and not to falsify it"* kif sostna **Francis Galton**.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri** ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju, 1998:***

"*Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova.*"

Id-difiza ghamlet referenza ghal sejba t'impronti digitali f'hanut f'kawza li giet deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali.*** Din il-Qorti thoss il-htiega li taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Magistrati*** fil-kawza fl-isimijiet **Il-Pulizija v Victor Gatt** ***nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1999***. F'din is-sentenza il-Qorti sostniet li l-kaz tal-prosekuzzjoni tistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Il-Qorti taqbel ma dik s-sentenza fic-cirkostanzi tal-fatti li kellha quddiemha ghalkemm setgha kien il-kaz li dak l-imputat kien mess il-flixkun qabel ma spicca fil-hanut. Pero din is-sentenza ma tfissirx kif dan l-Avukat Difensur jrid jfisser u cioe li l-prova ta' *fingerprints* wahedha mhux bizzejjed biex titqies bhala prova cirkostanzjali ghas-sejba ta' htija. Fil-fatt fis-sentenza moghtija ***fit-tletin ta' Gunju, 1998*** fl-ismijiet **il-Pulizja v Emanuel Camilleri** gie deciz li:

"… *f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza*."

Fil-fatt **fl-Ingilterra** fil-kaz ***R v Castletan (3 Cr App R - 74, CCA ( vide Archbold 1997 para 14-97 )*** gie deciz li:
"*Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Anthony Abela** fejn dik il-Qorti sostniet li:

"*F'post pubbliku bhal ma huwa hanut, cinema, knisja jew hanut tax-xorb, ma jistghax jinghad li legalment is-sejba ta' marka tas-swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex ssib htija fuq sid dik il-marka ghaliex dawn huma postijiet pubblici frekwentati minn numru kbir ta' nies li jkollhom tracci bhal fingerprints*."

Din il-Qorti ghalkemm taqbel mas-suespost bhala principju generali thoss li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-Prosekuzzjoni u legalment u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija. Dan ghaliex sid il-*fingerprints* misjuba, ghandu jaghti spjegazzjoni taghha biex huwa jipprova jgheleb din il-presunzjoni ta' htija, per ezempju li <u>gieli dahal fil-fond</u> jew setgha mess l-oggett li nstab fil-fond meta kien band'ohra.

Ta min jfakkar dak li jghid l-awtur **Keith Simpson** fil-ktieb tieghu ***Forensic Medicine*** [6$^{th}$ Edition pagna 19]:

"***Glanton*** *estimated that: The chance of two points from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions - some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet,*

*in the world's crime records have identical prints come to light unless from the same finger.*"
Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra:**

"*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond l-ligi, izda bizzejjed prova* <u>*wahda*</u> *jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' April, 1982*** fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Emanuel Previ,** dik il-Qorti sabet lil imputat hati tal-akkuzi ta' serq addebitati lilu peress li ma tax spjiegazzjoni ta' kif instabu l-impronti digitali tieghu fuq s-*shutter* tal-fond misruq meta l-imputat kien innega li kien qatt mess dak ix-*shutter*.

Hawnhekk il-Qorti <u>mhiex</u> rinfaccjata b'sitwazzjoni simili ghaliex l-impronti digitali tal-imputat instabu fuq grossa sigaretti li kienet fuq il-bank tal-hanut u meta gie mistoqsi jekk qattx dahal fil-hanut, l-imputat wiegeb li kien dahal diversi drabi f’dak l-hanut biex jixtri.

Ghalhekk il-Qorti thoss li din l-prova wahedha hija wahda li tikkonvinciha sabiex tasal li ssib lil imputat <u>mhux hati</u> tal-akkuza ta’ serq ghaliex irnexxielu jgheleb din il-presunzjoni li hu kellu favur tieghu.

Din il-Qorti ma haditx pjacir tisma lil Avukat Difensur jghid li din il-Qorti m'ghandhix tqis li l-individwu huwa imputat li ghandu fedina penali b’xi reati registrati fuqha biex tinfluwenzha fil-gudizzju taghha.

Il-Qorti taghmilha totalment cara daqs il-kristall li huwa principju fundamentali u kardinali li dejjem jigi osservat bl-ikbar ghozza u skruplu li persuna hi min hi, li tkun ghaddejja process kriminali, hija presunta innocenti u ghandha tinstab hatja jew mhux hatja <u>biss u esklussivament</u> fuq il-provi li jirizultaw mill-atti tal-procediment.  Anke jekk l-akkuzat ikun persuna notorja

mal-Pulizija, fil-kamp legali u fis-socjeta in generali ghal hajja kriminali taghha, dan l-fatt qatt ma b'xi mod ma jinfluwenza lil Qorti.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 334, 325, 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li <u>ma ssibx lil imputat ANTON VASSALLO hati tal-akkuza ta' serq kif aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin u tal-akkuza ta' ricettazzjoni u hsara voluntarja u recidiva</u> u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------